

Ftakar

Meta *verament* ikollok bżonnhom, kun żgur li tieġu l-antibijotiċi b'mod responsabbli


- **L-antibijotiċi ma jaħdmux fil-każ ta' riħ jew influwenza**
- **Ħu l-antibijotiċi b'mod responsabbli u meta jkunu preskritti mit-tabib tiegħek biss**
- **Li l-antibijotiċi jinżammu effettivi hija r-responsabbiltà ta' kulħadd**

Meta tirċievi preskrizzjoni għall-antibijotiċi, għandek issegwi l-istruzzjonijiet tat-tabib sabiex tnaqqas ir-riskju li tiżviluppa batterji reżistenti.

Jekk ma ssegwix l-istruzzjonijiet tajjeb, pereżempju jekk tqassar it-tul ta' żmien tal-kura, jekk tieġu doża aktar baxxa jew jekk ma tieġux l-antibijotiċi fl-intervall ta' żmien korrett preskritti mit-tabib tiegħek, il-batterji jistgħu jsiru reżistenti għall-antibijotiċi.

Il-batterji reżistenti jistgħu jibqgħu fuqek u jistgħu wkoll jgħaddu għand persuni oħrajn. Dan jista' jpoġġi lilek jew lil persuni oħrajn f'riskju li l-ġisem ma jweġibx għall-antibijotiċi d-darba li jmiss li jkun hemm bżonnhom.

- **Segwi l-parir tat-tabib tiegħek dwar meta u kif għandek tieġu l-antibijotiċi**
- **Tużax antibiotiċi li jifdal minn drabi oħra**
- **Staqsij lit-tabib jew lill-ispjazzar tiegħek dwar x'għandek tagħmel bl-antibijotiċi li jifdal**



Għarfien dwar l-Antibijotiċi

Żomm l-Antibijotiċi Effettivi

Il-batterji li huma reżistenti għall-antibijotiċi huma problema serja għas-saħħa li qiegħda dejjem tikber

Għal ħafna deċennji, l-antibijotiċi kkuraw infezzjonijiet ta' theddida għas-saħħa. Iżda fis-snin reċenti, l-użu ħażin tal-antibijotiċi kkawża l-iżvilupp u t-tixrid tal-batterji li huma reżistenti għall-antibijotiċi.

Meta n-nies jieħdu infezzjonijiet li jkunu kkawżati minn batterji reżistenti, l-antibijotiċi ma jibqgħux effettivi fil-kura tal-infezzjoni, għalhekk il-marda tista' tiegħu aktar żmien biex titfejjaq jew saħansitra ssir aktar serja.

Jekk ir-reżistenza għall-antibijotiċi titħalla tiżviluppa, dan jista' jwassal għal theddida serja għas-saħħa pubblika, minħabba li l-batterji reżistenti jistgħu jinxterdu fil-komunità.

Ħu l-antibijotiċi meta jkun hemm bżonn biss

L-antibijotiċi għandhom jintużaw biss meta jkunu meħtieġa, għaliex l-użu eċċessiv jista' jagħmel il-batterji reżistenti għall-antibijotiċi.

It-teħid tal-antibijotiċi meta ma jkunux meħtieġa ma jgħinekx. Pereżempju, l-antibijotiċi MHUMIEX effettivi kontra infezzjonijiet ikkawżati minn viruses bħal irjiħat jew influwenza komuni. Fil-maġġoranza tal-każijiet, is-sistema immunitarja tiegħek għandha tkun kapaċi tiġġieled infezzjonijiet sempliċi. It-teħid tal-antibijotiċi ma jgħinekx tirkupra jew tipprevjeni l-viruses milli jinxterdu fuq persuni oħrajn.

Tabib mediku biss jista' jagħmel dijanjożi korretta u jiddeċiedi jekk il-kundizzjoni tiegħek teħtieġx trattament antibijotiku.

- **Li l-antibijotiċi jinżammu effettivi hija r-responsabbiltà ta' kulħadd**
- **L-użu responsabbli tal-antibijotiċi jista' jgħin sabiex jitwaqqfu l-batterji reżistenti**
- **It-tnaqqis ta' batterji reżistenti jtaqwal l-użu tal-antibijotiċi għal ġenerazzjonijiet futuri**
- **Tiegħux antibijotiċi mingħajr riċetta tat-tabib**
- **Jekk ikollok riħ jew influwenza u t-tabib tiegħek jiddeċiedi li m'għandekx bżonn antibijotiċi, hu ħsieb tiegħek innifsek sabiex tgħaddi għall-aħjar**
- **Jekk is-sintomi tiegħek ma jgħaddux għall-aħjar jew saħansitra jmorru għall-agħar saż-żmien indikat mit-tabib tiegħek, għandek tkellem lit-tabib tiegħek għaliex jista' jkun li jkollok bżonn evalwazzjoni mill-ġdid**

EUROPEAN
ANTIBIOTIC
AWARENESS DAY



A European Health Initiative 



Riħ? Influenza?

Ħu ħsieb tiegħek innifsek mhux tiegħu l-antibijotiċi!

X'għandek tagħmel jekk ikollok riħ jew influwenza u t-tabib tiegħek ma jagħmillekx riċetta għall-antibijotiċi

1. Strieħ u hu ħsieb tiegħek innifsek sabiex tgħaddi għall-aħjar
2. Ixrob ħafna likwidi sabiex tevita d-deidratazzjoni
3. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar trattamenti mhux antibijotiċi oħrajn għal serħan mis-sintomi tiegħek, bħal imnieħer misdud, uġiħ fil-grizmejn, sogħla, eċċ.

Jekk is-sintomi tiegħek ma jgħaddux għall-aħjar jew saħansitra jmorru għall-agħar saż-żmien indikat mit-tabib tiegħek, għandek tkellem lit-tabib tiegħek għaliex jista' jkun li jkollok bżonn evalwazzjoni mill-ġdid.